**30 ta' Novembru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopradi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Kola Abela

## Appellabilità ta' Sentenza tal-Prim'Istanza

*Persuna pproċessata li tkun milquta avversament minn deċiżjoni tal-Qorti għandha dritt li tappella, u mhux kull persuna oħra hi min hi. Hemm dritt ta' reviżjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, u dan id-dritt huwa aktar ampju għall-imputat milli għall-Avukat Ġenerali.*

*Id-dritt għall-appell huwa miftuħ għall-imputat anke f'każ ta' sentenza li tikkomina ammonizzjoni u riprensjoni;*

*F'materja ta' dritt kriminali l-interpretazzjoni għandha tkun ristrettiva, iżda huwa daqstant prinċipju sagru illi kull interpretazzjoni li tibbenefika lill-akkużat għandha tingħażel in preferenza għal interpretazzjoni fis-sens kuntrarju.*

Il-Qorti: – Rat ir-Rikors ta' l-appell;

Rat il-provi kollha prodotti;

Semgħet it-trattazzjonijiet relattivi;

Ikkunsidrat:

Illi l-appell huwa limitat għad-deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali li tallega n-nullità ta' l-appell a bażi ta' l-inappellabilità tas-sentenza tal-Prim'Istanza;

Dik is-sentenza di fatti lliberat lill-appellant mill-akkużi kontra tiegħu però ordnat it-twaqqigħ tal-kamra rurali mertu tal-kawża;

L-abbli Deputat Avukat Ġenerali jsostni li tali sentenza ma tiġġustifikax appell billi l-appell huwa permess biss lill-persuna misjuba ħatja u mhux lil min ikun ġie lliberat;

L-appellant u l-Avukat Ġenerali ppreżentaw noti ta' l-osservazzjonijiet relattivi għall-*punti di vista* differenti tagħhom;

L-eċċezzjoni sollevata ġiet ribattuta mill-appellant billi ċċita żewġ deċiżjonijiet, ċjoè Pulizija *vs* Luca Bezzina deċiżaz fis-16 ta' April, 1913 u Pulizija *vs* Joseph P. Cassar deċiża fl-10 ta' Ġunju, 1939, it-tnejn deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Dawn it-tnejn ġew ċitati mill-Professur Mamo u l-konklużjoni minnu miġbuda kienet illi għalkemm il-liġi tagħti d-dritt ta' l-appell lill-persuna misjuba ħatja, tali definizzjoni testendi ukoll għal kull persuna **aggravata** b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati;

Fuq l-iskorta ta' tali konklużjoni, ikompli l-Mamo, huwa ġustifikat appell minn persuna ddikjarata *non sana di mente,* billi din ma tkunx misjuba ħatja imma xorta ssofri, jew aħjar, fi kliem l-istess awtur, issofri aktar, għax tiġi rikoverata f'istituzzjoni apposita;

Min-naħa l-oħra, l-Avukat Ġenerali sostna li l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellant kienet ibbażata fuq premessa inkompleta u li *se mai*, tali estensjoni kienet forsi applikata biss għal bażijiet ta' demenza, tenut kont ukoll tal-fatt illi f'tali każijiet il-Qorti tkun sabet li l-akkużat ikkommetta r-reat però kien insan;

Però l-Avukat Ġenerali jmur oltre u jenfasizza li wieħed ma jistax jestendi d-dritt ta' l-appell għal kull persuna aggravata minn deċiżjoni tal-Qorti billi allura wieħed ikun qiegħed jintroduċi appell għall-kwerelant f'kull każ u għall-parti ċivili;

Il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-artikolu 413 tal-Kapitolu 9 jagħti dritt ta' l-appell lill-"persuna misjuba ħatja";

Fil-maġġoranza prattikament totali tal-każijiet din il-klawsola ma tqajjem ebda diffikoltà billi hija l-persuna misjuba ħatja li tkun aggravata bid-deċiżjoni tal-Qorti;

Il-Qorti tinnota mill-ewwel li ma taqbilx ma' l-Avukat Ġenerali li jekk wieħed jaċċetta l-interpretazzjoni ta' l-Imħallef Harding, wieħed ikun qed jestendi d-dritt ta' l-appell anki għall-parti ċivili. Dak li qed jgħid il-Mamo hu li **persuna pproċessata** li tkun milquta avversament minn deċiżjoni tal-Qorti għandha d-dritt li tappella, u mhux kull persuna oħra hi min hi. F'dan is-sens hu korrett il-Mamo li jgħid *"any person charged"*;

Il-provvediment legali li taħtu ġie akkużat l-appellant għandu natura partikolari in kwantu taħt il-provvedimenti tiegħu

fejn l-imputat ma nstabx ħati mill-Qorti, il-Qorti kienet sodisfatta li l-bini kien sar mingħajr permess u għalhekk ordnat it-twaqqigħ tiegħu ad opera tal-Pulizija. Il-Qorti tat ukoll però, fil-prattika żmien lill-appellant li jottjeni l-permess neċessarju;

L-artikolu regolanti l-appell fil-liġi Kriminali nkiteb ferm qabel il-promulgazzjoni tal-provvedimenti drakonjani ta' l-A.L. 52 ta' l-1988. Għalhekk id-deċiżjoni trid tkun marbuta ma' l-analoġija regolata mill-prinċipji aċċettati. Imputat jista' jiġi lliberat bħal ma ġie lliberat f'dan il-każ, għaliex ma kienx hemm il-prova li hu bena l-bini in kwistjoni imma fl-istess ħin il-bini jiġi distrutt. Is-sentenza hija waħda u l-imputat huwa wieħed. Fil-każ fejn l-imputat huwa s-sid tal-bini in kwistjoni ma hemmx dubju li t-twaqqigħ ħafna darbi jkun ta' preġudizzju ferm serju aktar mill-ammont pekunjarju talvolta akkollabbli lill-akkużat;

Illi l-eżerċizzju li jrid jiġi magħmul hawn huwa wieħed li jesplora l-prinċipju fundamentali tad-dritt ta' l-appell. Hemm dritt ta' reviżjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan id-dritt huwa aktar ampju għall-imputat milli għall-Avukat Ġenerali. U dan id-dritt huwa miftuħ għall-imputat anki f'każ ta' sentenza li tikkommina ammonizzjoni u riprensjoni;

Filwaqt illi huwa veru li f'materja ta' dritt kriminali l-interpretazzjoni għandha tkun waħda ristrettiva, huwa daqstant prinċipju sagru illi kull interpretazzjoni li tibbenefika lill-akkużat għandha tingħażel in preferenza għal interpretazzjoni fis-sens kuntrarju;

Il-Qorti apparti l-provvedimenti ta' l-artikolu 503 tal-Kap. 9 dwar id-demenza, rat ukoll l-artikolu 413(2). Dan l-artikolu

jagħti d-dritt ta' l-appell lis-sid ta' vettura li jkun ġie kkundannat iħallas somma bħala kumpens għall-ħsara kkaġunata fi ħwejjeġ oħra minn sewwieq ta' dik il-vettura. Ara art. *81* tal-Kap. *10*;

Hawnhekk is-sid tal-vettura ma jkunx akkużat. Imma l-ħsara tkun ġiet ikkaġunata b'vettura tiegħu u jista' jiġi kkundannat iħallas kumpens;

Il-prinċipju fundamentali wara d-dritt ta' l-appell huwa l-possibilità li bniedem li jkun ġie assoġġettat għal proċeduri kriminali u per konsegwenza ta' l-istess ġie penalizzat ikollu d-dritt li tali deċiżjoni tiġi riveduta;

Fiż-żmien meta ġie introdott l-artikolu regolanti l-appell, kif diġa intqal, ma kienx hemm liġijiet ta' din in-natura u huwa ovvju ukoll illi l-liġi għalhekk ma setgħetx tipprospetta tali appell, ċjoè l-appell ta' min ma jinstabx ħati però jiġi penalizzat;

Issa ma hemm l-ebda dubju illi sid ta' bini bħal dak formanti s-suġġett tal-kawża in eżami jiġi aggravat bil-miżura imposta mill-Qorti a tenur tal-liġi, anki, jekk huwa jiġi lliberat. Għalhekk il-Qorti tara li għandu jkun hemm dritt ta' l-appell limitat għall-persuna li tkun akkużata u lliberata minn tali akkuża jekk il-Qorti tkun ordnat it-twaqqigħ tal-bini. Dan konformament mal-prinċipju enunċjat anki mill-ġurisprudenza fuq ċitata;

Jinqala' immedjatament il-kwesti jekk tali appell hux possibbli fil-każijiet kollha ta' din in-natura u l-Qorti tara li tali appell jista' jkun tenibbli biss meta l-akkużat illiberat ikollu interess fil-bini *de quo*. Altrimenti, jekk per eżempju l-akkużat ma jkunx is-sid jew xort'oħra interessat b'mod sinifikanti, allura

tali persuna ma tista' tkun qatt aggravata bid-deċiżjoni tal-Qorti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità sollevata mill-Avukat Ġenerali u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni għat-12 ta' Diċembru, 1990.